Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili:- 6/2014 AE

**Veronique Amato Gauci (appellata)**

**vs**

**EMD Advisory Services Limited (appellanti)**

20 ta' Jannar, 2017.

Permezz ta' rikors prezentat fl-4 ta' Jannar 2011, Veronique Amato Gauci ntavolat proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali wara li tkeċċiet mill-impieg li kellha mal-appellanti. L-appellata talbet lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mas-soċjeta` intimata ma kienx għal raġuni valida u sar ukoll bi ksur tal-kuntratt ta' impieg tal-31 ta' Lulju 2008.

Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2014 it-Tribunal laqa' t-talba u kkundanna lis-soċjeta` intimata tħallasha kumpens ta' €58,320.

Is-soċjeta` intimata appellat minn din id-deċiżjoni, bl-aggravju li:

1. kiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem* billi ma ħax konjizzjoni tal-affidavits li jinstabu a fol 82 sa 91 tal-proċess;
2. ibbażа d-deċiżjoni fuq atti u kunsiderazzjonijiet li mhumiex in atti, m'għamilx evaluwazzjoni approfondita tal-provi, u kien preċipituż fid-deċiżjoni tiegħu, kif spjegat fid-dettal fir-rikors tal-appell;
3. messu okkupa ruħu b'mod esklussiv mill-għażla tar-raġuni tal-liċenzjament mogħtija mis-soċjeta` appellanti u jekk din kinitx raġuni valida;
4. fil-komputazzjoni tad-danni uża l-grad tal-possibbli mhux tal-probabbli u naqas milli jieħu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-każ; il-komputazzjoni saret abbażi ta' assunzjonijiet mhux abbażi tal-provi.

Ir-rikorrenti wieġbet li:

1. l-appell huwa irritu u null. L-erbgħa aggravji huma punti ta' fatt minkejja li l-appellanti tipprova tagħtihom sembjanza ta' punt ta' liġi.
2. dwar l-ewwel motiv tal-aggravju, il-fatt li t-Tribunal skarta l-affidavits imsemmija fl-ewwel aggravju ma jsarrafx fi ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem.*
3. dwar it-tieni motiv tal-aggravju, it-Tribunal kien informa lill-partijiet li kien sejjer jitlob l-istorja tal-impjieg tar-rikorrenti.
4. it-tielet motiv tal-aggravju wkoll jikkonsisti f'rielaborazzjoni tal-fatti kif tarahom is-soċjeta` appellanti.

5. ir-raba' aggravju jikkonsisti f'oġġezzjoni dwar il-mod kif ġie kkomputat il-kumpens. Dan l-eżerċizzju huwa wkoll insindakabbli minn din il-Qorti.

**<u>Fatti</u>**.

1. B'kuntratt ta' impieg datat 31 ta' Lulju 2008, l-appellata kienet giet impjegata bhala *Administration Manager* tas-socjeta appellant, u dan b'sehh mill-14 ta' Lulju 2008.
2. L-ewwel sena tal-impieg kienu perjodu ta' *probation*.
3. Fit-12 ta' Ottubru, 2010 l-appellata telqet minn fuq il-post tax-xoghol. L-ghada baghatet email fejn infurmat lil Stephen Balzan li fuq parir tat-tabib ma kinitx ser tirrapporta ghax-xoghol. Fl-email talbet li tinghata *"unlimited access to the out of doors"*, li l-qorti fehemet saret biex tkun tista' tahdem mid-dar. Permezz ta' email mibghuta minn Stephen Balzan, ufficjal tas-socjeta appellata, giet infurmata li t-talba taghha giet michuda.
4. B'ittra datata 13 ta' Ottubru, 2010 l-appellanti infurmat lill-appellata li dakinhar stess kienet qeghda titkecca mill-impieg minħabba li:

*"Over the past months you have on a number of occasions:*

*i.* *Performed acts of insubordination towards your superiors;*
*ii.* *Performed rude gestures directed at one of your superiors;*
*iii.* *Declined from performing your duties and did not accept being corrected;*
*iv.* *Not conducted yourself professionally and did not maintain a harmonious liaison with your superiors, staff and a number of your employers' clients and business associates;*
v. *Performed work not to the satisfaction of your employees;"*

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Fid-decizjoni it-Tribunal Industrijali osserva:

- Fil-bidu l-appellanti kellha madwar ghoxrin impjegat li biz-zmien kibret ghal bejn hamsin u sittin persuna. Dan wassal biex l-amministrazzjoni tal-kumpannija saret aktar delikata kif ukoll difficli.
- L-appellata kienet impjegata bhala *administration manager*, bi dmirijiet estensivi ghall-principal taghha.
- L-appellata kienet efficjenti f'xogholha u nghatat rikonoxximent ta' dan permezz ta' bonuses apparti s-salarju. Kien hemm ukoll noti li wrew l-apprezzament ghax-xoghol li taghmel.
- L-appellata kienet taht pressjoni kontinwa ta' xoghol. Din il-pressjoni setat waslet fit-tibdil ta' atteggament taghha.
- Ma sab l-ebda riferiment ghal xi parir jew rakkomandazzjoni li setghu nghataw lir-rikorrenti sabiex tinghata ghajnuna dwar kif kellha tibdel l-atteggament.
- Ma fehemx kif fil-perjodu tas-sena prova, l-attenzjoni tal-appellata ma gietx migbuda li qeghda tezercita attitudni negattiva.

- Kienet tkun iktar serjeta' professjonali kieku nbidlilha x-xoghol taghha jew giet sospiza temporanjament minn xogholha sabiex tigi determinata s-serjeta tas-sitwazzjoni.
- Ma jregix l-argument li l-appellata kellha atteggament negattiv mill-bidu tal-impieg taghha. Lanqas ma nghataw provi konkreti ta' kif u ghaliex seta' kellha problemi mal-impjegati l-ohra kollha.
- Meta principal jkun jaf mill-bidunett bl-attitudni negattiv ta' mpjegat u l-principal ma jaghmilx reazzjoni tempestiva, ikun ifisser li accetta s-sitwazzjoni. Ghalhekk ma jistax wiehed jinterpreta li wara perjodu twil ta' xhur jiddeciedi li f'inqas minn 24 siegha kellha problema mal-impjegati l-ohra kollha.

2. Skont l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi:-

*"Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta… jkun hemm* ***<u>dritt ta' appell fuq punt ta' liġi</u>.****"*

Il-gurisprudenza hi fis-sens li l-punt ta' ligi m'hemmx ghalfejn ikun gie deciz mit-Tribunal Industrijali (ara per ezempju sentenza ta' din il-qorti **Kevin Mark Abela v S & A Quality Assurance Surveyors Ltd** tal-11 ta' Jannar 2016, u **Tonio Calleja vs Vitafoam,** tal-15 ta' Frar, 2016).

3. L-ewwel aggravju jikkwalifika bhala punt ta' ligi. L-appellanti tilmenta li t-Tribunal ma kkunsidrax dak li ntqal f'affidavits li pprezentat waqt l-istadju tal-gbir tal-provi (fol. 83-91), u dan bi ksur tal-principju ta' *audi alteram partem*. Xhieda ta' erba' mpjegati li kienu jahdmu mal-appellata, u li xehedu dwar l-atteggament negattiv tal-appellata fuq il-post tax-xoghol miz-zmien li saru jafuha bhala kollega tax-xoghol. Hu fatt li fil-parti tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ntestata bhala ***"6. Is-sintezi tax-xhieda"***, fejn it-Tribunal fil-qasir irrakkonta x'qalu x-xhieda Malcolm Pace Debono, Dr Italo Ellul, Dr Pierre Mifsud, Stephen Balzan, Dr Jeremy Debono u l-appellata. M'hemm l-ebda accenn ghall-affidavits li jinsabu a fol. 83-91. L-appellanti tilmenta li dan wassal sabiex it-Tribunal Industrijali kiser il-principju ta' *audi alteram partem*. Kuncett intimament marbut mad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq.

4. Il-fatt li dak li qalu x-xhieda fl-affidavits ma ssemmiex fil-parti tad-decizjoni ntestata *"6. Is-sintezi tax-xhieda"*, jaghti lill-qorti x'tifhem li dawk il-provi ma gewx ikkunsidrati mit-Tribunal. Il-qorti ma tistax tifhem mod iehor tali fatt. Sahansitra fl-ebda parti tad-decizjoni ma saret riferenza ghal dak li xehedu dawn l-erbat impjegati. Fit-twegiba l-appellata qalet:

*"Illi l-fatt li t-Tribunal ma semmiex espressament l-affidavits ta' xi xhieda li gew prodotti mis-socjeta appellant, ma jikkonsistix fi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali audi alteram partem,* ***izda li tenut kont l-assjem tal-provi quddiemu u l-***

***argumenti migjuba, it-Tribunal ma hassx il-bzonn li jaghmel riferenza partikolari ghalihom"*** (fol. 31).

Il-qorti ma taqbilx u m'hijiex ser taghmel dik it-tip ta' konkluzjoni. Li jgieghel lill-qorti tkompli tikkonvinci ruhha li t-Tribunal ma kkunsidrax dawk il-provi hu l-fatt li fid-decizjoni t-Tribunal qal: *"..... ma nghatawx provi konkreti **kif** u ghaliex ir-rikorrenti setghet kellha problemi mal-impjegati l-ohra kollha"*. L-affidavits jitrattaw proprju l-atteggament tal-appellata mal-kollegi taghha tax-xoghol, matul il-perjodu li kienet impjegata mas-socjeta. M'hemmx dubju li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompitu li jaghrbel il-provi u jiddeciedi x'inhu rilevanti u x'mhuwiex. Pero li hu cert hu li ma jistax ikollok smiegh xieraq jekk it-Tribunal ma jikkunsidrax parti mill-provi li tkun ressqet parti. Mis-sentenza jinghata x'jifhem li t-Tribunal ma kkunsidrax x'qalu dawk ix-xhieda. Jekk it-Tribunal ikkunsidra li dawk il-provi ma kinux kredibbli jew kienu irrilevanti, l-inqas li kellu jaghmel kien li fis-sentenza jsemmi tali fatt u jghid ghalfejn. F'dan il-kaz m'hemm assolutament xejn. Il-qorti lanqas ma tista' tikkonkludi li mis-semplici fatt li t-Tribunal m'ghamilx riferenza ghalihom allura jfisser li ma qishomx rilevanti. L-affarijiet ma jsirux hekk. Jekk it Tribunal ikkunsidrahom u qishom mhux rilevanti kellu jghid hekk. Il-qorti lanqas mhi ser toqghod tispekula x'seta' jkun l-ezitu tal-kaz kieku t-Tribunal kkunsidra dawk il-provi. L-apprezzament tal-fatti jridu isir mit-Tribunal Industrijali. Fic-cirkostanzi gialadarba dan in-nuqqas hu ta' pregudizzju ghad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq[1], il-qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li thassar id-decizjoni u tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex wara li jerga' jikkunsidra l-provi, jiddeciedi skont il-ligi. Peress li qed jintlaqa' l-ewwel aggravju m'hemmx skop li l-qorti tikkunsidra l-aggravji l-ohra.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-20 ta' Frar, 2014 u tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunali. Spejjez sal-lum jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**.

Anthony Ellul.

[1] Ara wkoll l-artikolu 790 tal-Kap. 12 li jista' jservi bhala gwida.